**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Dottor Remigio Zammit Pace *noe*

*versus*

Alfred E. Aquilina *et noe*

**Danni - Merkanzija - Żbank *In Total Darkness - Port Regulations* 1966**

*L-attur assikuratur isurrogat aġixxa biex jirkupra danni konsistenti f'nuqqas u telf ta' merkanzija. L-eċċezzjoni prinċipali tal-konvenut kienet illi l-merkanzija ġiet żbarkata in* total darkness *u għalhekk ma titqiesx li* cargo has been safely landed *u konsegwentement il-konvenut ma kienx responsabbli.*

*L-importanti għall-fini ta' l-artikolu 90 tal-*Port Regulations 1966

*mhuwiex fejn tinhatt il-merkanzija, imma fejn bhala fatt tinhażen. u gie ppruvat li fil-każ taht eżami, il-merkanzija inhażnet f'*sheds *li s-soċjetà konvenuta ghandha ghad-disposizzjoni taghha. Ma jistax jinghad allura li dak ir-regolament kien applikabbli ghall-każ taht eżami.*

*Il-ġurisprudenza li kostantement tafferma l-prinċipju li l-fatt li l-merkanzija tinhażen* in the open and always at the risk of the owner, *ma jeżimix lis-soċjetà li tkun responsabbli ghall-hażna taghha mill-atti kriminali ta' l-impjegati taghha jew ta' terzi, bhallikieku l-merkanzija flok fil-kustodja taghha kienet abbandunata f'xi ghalqa.*

*Il-Qorti ta' l-Appell, inoltre, ghamlet referenza ghall-ġurisprudenza fis-sens illi Regolament nru. 90 ta' l-1966 dwar il-Portijiet "jehles lill-Gvern minn kull responsabbilità ghal xi hsara li tista' tiġri lil din li-merkanzija billi din tinżamm fil-berah. Dan ir-Regolament ma jservix ukoll biex jeżonera lill-Cargo Handling Company Limited mir-responsabbilità taghha lejn l-importatur".*

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti li sabet id-ditta konvenuta responsabbli u kkundannatha thallas id-danni.*

Il-Qorti:-

Is-soċjetà assiguratriċi attriċi pproċediet b'dan l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili:

"Li, fl-10 ta' Marzu, 1990, is-soċjetà M. Demajo (Timbers) Limited li taghha l-attur *nomine* kien l-assikuratur, importat ġewwa Malta minn Abidjan konnsenja ta' injam fuq il-bastiment "Jolly Verde";

Li, meta s-soċjetà mportatriċi rtirat il-merkanzija, sabet li minn partita ta' tlieta u ghoxrin pakk injam iroko, kien hemm

nieqsa tliet pakki, waqt li minn partita oħra ta' tmienja u għoxrin pakk injam acajou, kien hemm nieqes pakk wieħed;

Li, bħala kumpens għal dan in-nuqqas, l-attur *nomine* ħallas lill-assigurat tiegħu s-somma ta' elf, ħames mija u ħamsin lira, disgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm1550.29c); in kwantu għal elf mitejn u tlieta u tletin lira u tnax-il ċenteżmu (Lm1233.12c) għar-rigward tat-tliet pakki iroko u in kwantu għal tliet mija u *sbatax-il lira, sbatax il-ċenteżmu (Lm317.17c) għar-rigward tal-*pakk acajou;

Li l-konvenuti *nomine* kienu responsabbli għan-nuqqas subit mis-soċjetà mportatriċi stante li huma naqsu fl-adempiment ta' l-obbligu tagħhom illi jikkonsenjaw il-merkanzija kollha li waslet Malta;

Li s-soċjetà konvenuta, interpellata biex tagħmel tajjeb għad-danni, baqgħet inadempjenti;

Talab għalhekk, li l-konvenuti *nomine* jgħidu għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

Tiddikjarahom responsabbli għan-nuqqas fuq riferit; u

Tikkundannahom li jħallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' elf, ħames mija u ħamsin lira, disgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm1550.29); in kwantu għal elf mitejn u tlieta u tletin lira u tnax-il ċenteżmu (Lm1233.12c) għar-rigward tat-tliet pakki injam iroko nieqsa u in kwantu għal tliet mija u sbatax-il lira, sbatax-il ċenteżmu (Lm317.17c) għar-rigward tal-pakk injam acajou nieqes, in linea ta' danni rappreżentanti l-kumpens li ħallas lill-assigurat tiegħu;

Il-konvenuti *nomine* hekk eċċepew għat-talbiet attriċi;

"Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-merkanzija *minn* fuq il-vapur "Jolly Verde" inħattet f'Xatt il-Kurċifiss li kif jirriżulta fil-*joint tally sheet* (dok AA) ġiet żbarkata *in total darkness* għalhekk ma titqiesx li *cargo has been safely landed* ai termini ta' l-artikolu 70 (1) tal-*Port Regulations 1966* u *as amended by Legal Notice 28.73*; illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li l-konvenuti *nomine* kkonsenjaw il-merkanzija u qdew il-funzjonijiet tagħhom bid-diliġenza kollha rikjesta minnhom mil-liġi";

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Diċembru, 1996, iddeċidiet il-kawża billi prevja l-adozzjoni ta' rapport peritali laqgħet l-ewwel talba u hekk iddikjarat li s-soċjetà konvenuta kienet responsabbli għan-nuqqas fuq riferit u laqgħet it-tieni talba limitatament għas-somma ta' elf, mija u disgħa u tletin lira u sebgħa u disgħin ċenteżmu (Lm1139.97,0) u kkundannat lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur *nomine* s-somma msemmija ta' elf, mija u disgħa u tletin lira u sebgħa u disgħin ċenteżmu (Lm1139.97,0) dovut kif fuq ingħad, bl-imgħax legali mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni, ċjoè mit-22 ta' April, 1991. L-ispejjeż kellhom jitħallsu kwantu għal kwart (1/4) mill-attur *nomine* u kwantu għar-rimanenti tliet kwarti (3/4) mill-konvenuti *nomine*;

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza tagħha:

"Li l-attur *nomine* qiegħed jagħmel din il-kawża biex huwa jitħallas mingħand is-soċjetà konvenuta s-somma ta' Lm1550.29,0 li tirrappreżenta l-ammont li huwa kellu jħallas lis-soċjetà M. Demajo (Timbers) Limited, li kienet assikurata miegħu, in konsegwenza tal-fatt li meta ġiet biex tirtira l-

merkanzija, li hija mportat fuq il-vapur "Jolly Verde", sabet li minn partita ta' tlieta u għoxrin pakk injam iroko kien hemm nieqsa tliet pakki u li minn partita oħra ta' tmienja u għoxrin pakk injam acajou kien hemm nieqes pakk wieħed;

L-attur *nomine* ħallas is-somma ta' Lm1233.12,0 biex tagħmel tajjeb għt-tliet pakki iroko u s-somma ta' Lm317.17,0 biex tagħmel tajjeb għal pakk acajou u, *għalhekk*, *jinsab* surrogat fid-drittijiet tas-soċjetà assikurata M. Demajo (Timbers) Limited in forza ta' żewġ surrogi li kopji tagħhom huma esebiti bħala dok. I u dok. J (fol. 69 u 70);

Ikkunsidrat:

Il-perit legali rrelata li jirriżulta ppruvat mill-*bills of lading* tal-vapur u mid-dokumenti tad-dwana li jinsabu esebiti, li fuq il-bastiment "Jolly Verde" kien hemm tlieta u għoxrin *(23) pakk injam iroko u tmienja u għoxrin (28) pakk injam* acajou/kossip li kienu mportati ġewwa Malta mis-soċjetà assikurata M. Demajo (Timbers) Limited u li mill-istess dokumenti, kif ukoll mix-xhieda ta' l-Uffiċjal tad-Dwana, l-istess soċjetà mportatriċi jirriżulta li mit-28 pakk injam acajou/kossipo ħadet sebgħa u għoxrin (27) pakk, filwaqt li mit-tlieta u għoxrin (23) pakk injam iroko ħadet biss 20 pakk. Għalhekk, ikompli jassigura l-perit legali, jirriżulta ċar li s-soċjetà mportatriċi kellha raġun fil-*claim* li għamlet mad-ditta assikuratriċi tagħha u din kienet legalment tenuta tikkompensaha għall-merkanzija li baqgħet ma rċevietx;

Ikkunsidrat:

Għalhekk, il-perit legali għadda biex jikkunsidra min kien responsabbli għal dan it-telf li soffriet is-soċjetà M. Demajo (Timbers) Limited:

Huwa jagħmel, fl-ewwel lok, ir-riljev li la darba jirriżulta ċar mill-*bills of lading* u mid-dokumenti esebiti li l-merkanzija kollha *de quo* tgħabbiet fuq il-vapur, għandu jsegwi li r-responsabbilità għall-merkanzija nieqsa għandha taqa' jew fuq it-trasportaturi jew inkella fuq il-konvenuti *nomine* li kellhom il-kustodja tal-merkanzija sakemm din ġiet irtirata mis-soċjetà mportatriċi;

L-istess perit jgħid li biex tiġi determinata din il-kwistjoni tar-responsabbilità bejn il-vapur u l-Cargo Handling Company Limited, rappreżentata mill-konvenuti, huwa mportanti li jsir eżami tat-*tally sheets* "għax dawn jindikaw x'niżel minn fuq il-vapur u x'għadda għand id-ditta Cargo Handling Company Limited";

Il-konvenuti *nomine* qegħdin iressqu l-argument li parti mill-iskarikar tal-merkanzija sar *in total darkness* u, għalhekk, it-*tally* li saret fit-tard għandha tiġi skartata;

F'dan ir-rigward, il-perit legali jirrileva li *tally clerk* ieħor, li kien qiegħed jaħdem filgħaxija qal li mal-vapur kien hemm biżżejjed dawl biex seta' jara l-merkanzija tinħatt u ħdejh kien hemm it-*tally clerk* tas-soċjetà konvenuta u bħalu seta' jara x-xogħol nieżel. Huwa jikkonkludi, għalhekk, li "kien biss fl-area fejn id-ditta konvenuta stivat il-merkanzija li kien hemm dlam, iżda fil-mument tal-*handing over* mill-vapur lid-ditta konvenuta, u ċjoè ħdejn il-vapur, kien hemm dawl biżżejjed";

Kif sewwa jargumenta l-perit legali (u din il-Qorti ma tistax ma taqbilx miegħu), l-area fejn kien qiegħed jinħatt ix-xogħol taqa' taħt il-kontroll tas-soċjetà konvenuta u, għalhekk, din kienet fl-obbligu li tara li l-post kien imdawwal biżżejjed u jekk l-istess soċjetà konvenuta dan m'għamlitux, m'għandhomx jaħtu għal dan in-nuqqas l-attur *nomine* jew l-assikurat tiegħu;

Għandu jingħad ukoll illi, fil-fatt, ma jirriżultax li d-ditta konvenuta, f'xi ħin, waqfet l-iċċekkjar ta' l-iskarikar tal-merkanzija, iżda jirriżulta li t-*tally clerk* tagħha kien ġie awtorizzat ikompli bix-xogħol tiegħu u dan, effettivament, kompla bit-*tally* u ffirmaha. Ix-xogħol baqa' għaddej bla interruzzjoni, u bl-istess mod baqa' għaddej iċ-*checking* da parti tad-ditta konvenuta;

Fir-rigward ta' l-allegazzjoni li x-xogħol in kwistjoni ġie storjat *in the open*, u, għalhekk, dejjem skond is-soċjetà konvenuta, issib applikazzjoni l-klawsola 90 tal-*Port Regulation* (A.L. 43 ta' l-1966) li tiddisponi li meta dan ikun il-każ, dan isir għar-riskju tal-proprjetarju, il-perit legali jgħid li din id-disposizzjoni tal-liġi mhix applikabbli għaliex jirriżulta li l-merkanzija ġiet storjata f'*sheds* li s-soċjetà konvenuta għandha taħt il-kontroll tagħha;

Ikkunsidrat:

Il-konklużjoni tal-perit legali hija li s-soċjetà konvenuta ma rnexxilhiex tipprova li ġew skarikati anqas mit-tmienja u għoxrin (28) pakki acajou/kossipo li tpoġġew abbord il-vapur. Din, da parti tagħha, rrilaxxjat sebgħa u għoxrin (27) minn dawn il-*bundles* u billi m'għamlitx il-prova li rċeviet wieħed nieqes għandha tapplika l-presunzjoni li dak li kien stivat abbord ġie skarikat u ngħata f'idejha. Għalhekk, il-konklużjoni tiegħu hi li s-soċjetà konvenuta għandha tinżamm responsabbli għal dan in-nuqqas;

Dwar it-tlieta u għoxrin (23) pakki iroko, il-perit legali jikkonkludi li s-soċjetà konvenuta għandha tirrispondi għaż-żewġ pakki li ġew nieqsa waqt li l-merkanzija kienet fil-kustodja tagħha;

Fil-fatt jirriżulta li minn fuq il-vapur tniżżlu tnejn u għoxrin (22) *bundle*, waqt li mid-dwana ħarġu biss għoxrin (20). Billi mit-*tally sheets* jirriżulta li ġà kien hemm pakk wieħed nieqes meta s-soċjetà konvenuta ħadet il-konsenja tal-merkanzija, għandu jsegwi li m'għandhiex twieġeb għat-tliet pakki hi iżda għal wieħed mill-pakki nieqsa għandu *jkun* responsabbli l-vapur li, però, ma ġiex imħarrek;

Għalhekk is-soċjetà konvenuta, skond il-perit legali, għandha tiġi kkundannata tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' Lm317.17,0) għall-pakk acajou *nieqes u Lm822.00,0* għaż-żewġ pakki iroko nieqsa;

Din il-Qorti taqbel ma' din il-konklużjoni *tal-perit legali u* taqbel mal-motivazzjonijiet u konklużjonijiet kollha tar-rapport peritali u tagħmilhom tagħha";

L-ewwel aggravju ta' l-appellanti hu li l-attur *nomine* kien qed jallega li qed jaġixxi bħala ssurrogat *bil-polza* u *bil-liġi* *fid*-drittijiet tas-soċjetà assiguratriċi M. Demajo (Timbers) Ltd. meta fil-fatt qatt ma ġie ssurrogat fl-interessi ta' l-assigurat tiegħu u *ħallas biss għaliex sostna li kien obbligat iħallas taħt* polza ta' assigurazzjoni li lanqas biss tinsab esebita fil-proċess. Jissottometti li mir-riżultanzi proċesswali ma jirriżultax li saret il-prova tas-surroga u fin-nuqqas ta' tali prova jissottometti bir-rispett li l-Ewwel Qorti *ma setgħet qatt tilqa' t-talba ta' l*-attur *nomine*;

Dan l-aggravju hu manifestament insostenibbli. *Kif sewwa* irrileva fir-risposta tiegħu l-konvenut *nomine*, ġew ippreżentati fl-atti *Certificate of Marine Insurance as per conditions of Open Policy No. MP/683/04*, dok. A a fol. 61 tal-proċess (*Insured value Lm7,700)* u dok. B a fol. 62 tal-proċess (*Insured Value Lm7,000)*, kif ukoll żewġ surrogi, u ċjoè dok. 1 a fol. 69 tal-

proċess għall-ammont ta' Lm1223.67,0 u dok. J a fol. 70 tal-proċess għall-ammont ta' Lm315.83,0;

Ċertament allura jirriżulta mill-atti l-kuntratt ta' assigurazzjoni bejn is-soċjetà attriċi u l-assigurat tagħha u minn tali kuntratt tiskatta awtomatikament *ex lege* s-surroga meħtieġa biex is-soċjetà assiguratriċi tkun tista' tesiġi l-pagament ta' dak li hi tkun ħallset lill-assigurat tagħha in linja ta' telf u danni skond *kif determinat bil-polza* ta' assigurazzjoni;

Dan kollu apparti, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi dan hu aggravju li ma jsib l-ebda riskontru fl-atti proċesswali quddiem l-Ewwel Qorti. Mhux konsentit allura, f'dan l-istadju, li Qorti ta' reviżjoni tieħu konjizzjoni ta' eċċezzjonijiet li kien messhom ġew issollevati f'dak l-istadju u li ma ġewx hekk fil-fatti ssollevati;

It-tieni aggravju tas-soċjetà konvenuta appellanti hu fil-meritu. Hu sottomess illi l-ħatt tal-merkanzija in kwistjoni ġie ppruvat li sar *in the open* preċiżament fix-xatt tal-Kurċifiss. F'ċirkostanzi bħal dawn, l-importatur tal-merkanzija hu konxju u jaf li l-merkanzija tinħażen barra dejjem *always at the sole risk of the owner*, u għalhekk, *ai termini* ta' l-artikolu 90, Skeda 13 tal-*Port Regulations*, is-soċjetà konvenuta ma tistax tinstab responsabbli għan-nuqqasijiet imsemmija;

Anke f'dan ir-rigward din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi dan l-aggravju bl-ebda mod ma jiffigura fl-eċċezzjonijiet illi s-soċjetà konvenuta tat għat-talbiet attriċi quddiem l-Ewwel Qorti . Infatti, l-eċċezzjonijiet fil-meritu ntavolati mill-konvenut *nomine*, kif jirriżulta minn dak fuq reġistrat, kienu biss fis-sens li t-talbiet attriċi kienu nfondati stante li l-merkanzija minn fuq il-vapur ġiet żbarkata *in total darkness* u għalhekk ma setax jitqies li *cargo has been safely landed ai termini* ta' l-artikolu

70 (1) tal-*Port Regulations, 1966*, kif emendati bl-Avviż Legali 28/73;

L-argument tas-soċjetà konvenuta quddiem l-Ewwel Qorti kien li una volta l-iskarikar tal-merkanzija sar *in total darkness* it-*tally* li sar fit-tard kellha tiġi skartata. Kien biss impliċitament u f'tentattiv biex issalva l-kawża illi s-soċjetà konvenuta ppruvat testendi l-eċċezzjoni minnha ntavolata billi tinterpretaha li l-fatt li l-merkanzija maħtuta f'Xatt il-Kurċifiss kien ifisser illi din ġiet storjata *in the open* u li konsegwentement dan kien jimplika illi kienet ġiet maħżuna fil-beraħ għar-riskju tal-proprjetarju *ai termini* ta' klawsola 90 tal-*Port Regulations, 1966*. Regolament li però ma ġiex invokat mis-soċjetà konvenuta fin-nota ta' eċċezzjonijiet tagħha;

Fuq dan l-aspett din il-Qorti ma tistax ma taqbilx ma' dak li qal il-perit legali fir-relazzjoni tiegħu illi l-importanti għall-fini ta' dan ir-regolament mhuwiex fejn tiġi maħtuta l-merkanzija, imma fejn tiġi bħala fatt maħżuna. U ġie ppruvat li fil-każ taħt eżami, il-merkanzija ġiet maħżuna f'*sheds* li s-soċjetà konvenuta għandha għad-disposizzjoni tagħha. Ma jistax jingħad allura li dak ir-regolament kien applikabbli għall-każ taħt eżami;

F'dan il-kuntest, din il-Qorti ukoll tara *rilevanti* l-ġurisprudenza ċċitata mill-attur *nomine*, fir-risposta ta' l-appell, li kostantement tafferma l-prinċipju li l-fatt li l-merkanzija tinħażen *in the open and always at the risk of the owner*, ma jeżimix lis-soċjetà li tkun responsabbli għall-ħażna tagħha mill-atti kriminali ta' l-impjegati tagħha jew ta' terzi, bħallikieku l-merkanzija flok fil-kustodja tagħha kienet abbandunata f'xi għalqa (**Dr. Simon Micallef Stafrace *nomine* vs Neville Mifsud *et noe***, Ċitaz. nru. 1643/92, deċiża mill-Prim'Awla fit-12 ta' Ottubru, 1995);

Ir-Regolament nru. 90 ta' l-1966 dwar il-Portijiet "jeħles lill-Gvern minn kull responsabbilità għal xi ħsara li tista' tiġri lil din il-merkanzija billi din tinżamm fil-beraħ. Dan ir-Regolament ma jservix ukoll biex jeżonera lil Cargo Handling Company Ltd. mir-respnosabbilità tagħha lejn l-importatur" (LXXIII, pt. IV, p. 948). "*Klawsola ta' eżoneru m'għandhiex* ikollha l-valur li teżonera mid-dolo l-kolpa gravi ekwiparata għad-dolo u mill-kolpa li tiġi riskontrata meta jkun hemm ommissjoni ta' dak il-grad normali ta' diliġenza li l-liġi tirrikjedi fl-esekuzzjoni ta' kull obbligu. Fi kliem ieħor il-klawsoli ta' rresponsabbilità, bħal dik taħt eżami, ma teżimix mir-responsabbilità meta jkun hemm relazzjoni ta' kuntratt u dover. U jekk jiġu stipulati espressament biex jeżoneraw mid-dolo u *miż-żewġ gradi ta' kolpa fuq riferiti, ikunu nulli billi* kuntrarju għall-prinċipju ġenerali tal-morali, bażi ta' l-ordni pubbliku (Kummerċ, **Borg** *vs* **Calascione**, 25 ta' Mejju, 1961; **Dr. Simon Micallef Stafrace** *noe vs* **Godwin Abela** *et noe*, Ċitaz. nru. 2382/93 deċiża mill-Prim'Awla fid-29 ta' Jannar, 1996). Eċċezzjoni *ta' din ix-xorta* għalhekk biex tingħata b'suċċess trid tkun sostnuta b'element qawwi ta' prova da parti tas-soċjetà konvenuta li teżimiha mir-responsabbilità in kwantu *jkun ben assodat li din bl-ebda mod ma kienet naqset mid-*doveri tagħha li tikkustodixxi l-merkanzija fdata f'idejha u li d-dannu jew in-nuqqas kien dovut għal raġunijiet għal kollox indipendenti mill-volontà tagħha jew minn xi inadempjenza tad-doveri tagħha. Prova din li fil-każ taħt eżami ma tirriżultax. Dan kollu qed jingħad *indipendentement miċ-ċirkostanza* fuq stabbilita li l-merkanzija kienet ġiet effettivament maħżuna ġo mħażen u mhux *in the open*;

Huwa sinifikattiv li fl-aggravju tagħha s-soċjetà appellanti ma tagħmilx referenza għal *dak li hi kienet prinċipalment* eċċepiet fin-nota ta' eċċezzjonijiet tagħha u ċjoè illi l-merkanzija kienet ġiet żbarkata *in total darkness* u konsegwentement ma setgħetx tinżamm responsabbli għan-

nuqqasijiet u danni reklamati. Din il-Qorti tifhem *li s-soċjetà* appellanti kienet sodisfatta bil-konsiderazzjonijiet tal-perit legali, kif abbraċċjati fis-sentenza appellata, fuq dan l-aspett tal-kawża. Konsegwentement, kienet ukoll sodisfatta *illi* s-sottomissjoni tagħha fl-eċċezzjonijiet minnha mogħtija li ma jistax jingħad li f'dawn iċ-ċirkostanzi *the cargo has safely landed* ma kinux aktar sostenibbli. Infatti l-konvenut *nomine* fl-aggravju tiegħu f'dan l-appell ma baqax jagħmel rikjam għall-applikabilità ta' l-artikolu 70 (1) tal-*Port Regulations*;

Finalment l-istess soċjetà appellanti tilmenta li mix-xhieda prodotti jirriżulta li l-*joint tally sheets* kienu skorretti jew ħżiena u li dawn il-*joint tally sheets* li kienu ġew *countersigned* kemm mit-*tally clerks* ta-soċjetà konvenuta kif ukoll mit-*tally clerks* tal-vapur ma kinux jaqblu ma' dak li ġie ddikjarat fil-manifest ta' l-imsemmi vapur. Din is-sottomissjoni ġiet ampjament ittrattata quddiem l-Ewwel Qorti. Hija sottomissjoni li ġiet ikkunsidrata mill-perit legali u ġustament dan wasal għall-konklużjoni li anke jekk kien hemm xi nuqqas ta' attenzjoni għax ġie mmarkat xi pakkett aktar milli suppost, dan ma kienx ifisser li ġew skarikati anqas mill-ammont ta' *bundles* li kienu tpoġġew abbord. Il-perit legali eżamina sewwa l-provi prodotti quddiemu, għamel analiżi tad-dokumenti esebiti fid-dawl ta' dawk il-provi u ġustament wasal għall-konklużjoni li s-soċjetà konvenuta kellha tirrispondi biss għal dawk in-nuqqasijiet li effettivament ġiet konvinċentement ippruvat li seħħew waqt li l-merkanzija kienet in kustodja tagħha u ċjoè dawk in-nuqqasijiet illi avverraw ruħhom mill-mument ta' l-iskarikar tal-merkanzija sakemm din ġiet irtirata mill-assigurat tas-soċjetà attriċi. Kien proprju minħabba din l-analiżi korretta tal-perit legali aċċettata mill-Ewwel Qorti li s-soċjetà konvenuta qed tiġi mitluba tirrispondi biss għall-valur ta' tliet *bundles* u mhux ta' erbgħa kif reklamat mis-soċjetà attriċi;

Din il-Qorti ma jidhrilhiex li huwa l-każ li tiddisturba l-

apprezzament li għamlet l-Ewwel Qorti tal-provi miġbura kif analizzati mill-perit legali fir-rapport lilha sottomess u minnha akkolt;

Għal dawn il-motivi l-appell hu miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà konvenuta appellanti.